TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 62/15-F

**Carmel Borg**
**vs**
**SMS Mondial Limited**

Illum 17 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-27 ta' Marzu, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti *voucher* illi ngħataw ir-rikorrenti stante li l-*cruise* li kienu sejrin fuqu ġie ikkanċellat, u ngħataw *cruise* ieħor u €100 *voucher* lil kull persuna. Li ġara kien illi dak il-€100 *voucher* li ngħataw kull wieħed, ma setax jintuża fuq dak il-*cruise*.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi l-cruise li kienu sejrin ġie ikkanċellat u li kienu ngħataw l-għażla li jmorru fuq *cruise* ieħor u jidher li dan il-*cruise* kien iktar għoli għalkemm kien iqsar, u ngħataw €100 *voucher* kull wieħed, pero' dan il-*voucher* ma setax jintuża fuq dak il-*cruise*.

L-intimat issottometta li dawk kienu l-kundizzjonijiet u li seta' anke ħa l-flus tad-depozitu lura li kieku ma riedx imur fuq il-*cruise* l-ieħor.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti għamel l-għażla tiegħu u li kien jaf, għalkemm xorta ħallas *under protest* illi dik il-€100 ossia €200 *voucher* kellha tintuża fuq *cruise* ieħor.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888